# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fid-19 ta' Novembru 2015[1]

**Kawża C-99/15**

**Christian Liffers**
**vs**
**Producciones Mandarina SL,**
**Mediaset España Comunicación SA, li qabel kienet Gestevisión Telecinco SA,**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettwali — Xogħol awdjoviżiv — Direttiva 2004/48/KE — Artikolu 13 — Danni — Ammont — Danni morali — Metodu ta' ffissar"

## I – **Introduzzjoni**

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[2].

2. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, it-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja) qed tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tal-kumpens li tista' titlob parti leża minn ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u dwar l-esklużjoni eventwali tad-dannu morali minn dan il-kumpens.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. Skont il-premessa 10 tad-Direttiva 2004/48, l-għan tad-Direttiva huwa li "tqarreb is-sistemi leġiżlattivi [tal-Istati Membri] sabiex tassigura livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju [tal-proprjetà intellettwali] fis-suq intern".

4. Il-premessa 26 tal-istess direttiva tippreċiża li "[b]l-għan li jsir kumpens għall-preġudizzju soffret riżultat tal-kontravvenzjoni kommessa mill-kontravventur li daħal f'attività b'mod konxju jew b'raġunijiet validi li suppost kien jaf, li din twassal għal din il-kontravvenzjoni, l-ammont ta' ħsara konċessa lid-detentur tad-drittijiet għandha tikkunsidra l-aspetti xierqa kollha, bħal telf ta' qligħ tad-detentur tad-drittijiet jew profitti mhux ġusti magħmula mill-kontravventur u, fejn hu xieraq, xi preġudizzju morali kkawżat lid-detentur tad-drittijiet. Bħala alternattiva, pereżempju fejn huwa diffiċli biex jiġi determinat l-ammont ta' preġudizzju attwali [realment] soffert, l-ammont ta' ħsara tista' tiġi minn elementi bħalma huma royalties u ħlasijiet li ikunu jridu jitħallsu kieku l-kontravventur talab

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32.

awtoriżazzjoni biex uża d-dritt tal-proprjetà intellettwali in kwestjoni. L-għan huwa li ma tiġix introdotta obbligazzjoni biex tipprovdi għall-ħsara punitiva imma biex tħalli għall-kumpens ibbażat fuq kriterji oġġettivi waqt li tikkunsidra l-ispejjeż maħluqa lid-detentur tad-drittijiet, bħal spejjeż ta' identifikazzjoni u riċerka".

5. L-Artikolu 3(2) tal-istess direttiva jipprevedi li l-"miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikun[u] wkoll effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' barrieri biex jiġi leġitimiżżat il-kummerċ u biex jiġu provduti protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom."

6. L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-danni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq l-applikazzjoni tal-parti li sarulha d-danni, jordnaw lill-kontravventur li kien jaf jew b'raġunijiet validi li suppost kien jaf, daħal f'attività li tikkontravjeni, biex iħallas id-danni lid-detentur tad-dritt skond il-preġudizzju attwali [realment] soffert minnu/minnha riżultat tal-kontravvenzjoni.Meta l-awtoritajiet ġudizzjarji jiffissaw id-danni:

a) Għandhom jikkunsidraw l-aspetti xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu qliegħ mitluf, li l-parti li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontravventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur tad-dritt bil-kontravvenzjoni.

jew

b) bħala alternattiva għall-(a), huma jistgħu, f'każijiet xierqa, jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda fuq bażi ta' l-elementi bħal għall-inqas l-ammont ta' royalties jew ħlasijiet li kieku riedu jitħallsu jekk il-kontravventur talab l-awtorizzazzjoni biex juża' id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali in kwestjoni.

2. Fejn il-kontravventur daħal f'attività li tikkontravjenu, u ma kiex jaf jew kien jaf imma kellu raġjunijiet validi, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw li jiġu rkuprati l-profitti jew il-pagament tad-danni, li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel."

B – *Id-dritt Spanjol*

7. L-Artikolu 140 tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar il-proprjetà intellettwali (Texto Refundido de la Ley de Propiedad Intelectual), kif emendat bil-Liġi Nru 19/2006, li testendi l-mezzi ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali u li tistabbilixxi r-regoli proċedurali sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' diversi Regolamenti Komunitarji (ley 19/2006, de 5 de junio de 2006, por la que se amplían los medios de tutela de los derechos de propiedad intelectual e industrial y se establecen normas procesales para facilitar la aplicación de diversos reglamentos comunitarios), tal-5 ta' Ġunju 2006 (BOE Nru 134 tas-6 ta' Ġunju 2006, p. 21230, iktar 'il quddiem it-"TRLPI"), jipprovdi li:

"1. Il-kumpens għad-danni li huwa dovut lid-detentur tad-dritt li jkun inkiser ma jinkludix biss il-valur tat-telf imġarrab iżda wkoll il-valur tat-telf ta' qligħ li jirriżulta mill-ksur tad-dritt tiegħu. L-ammont tal-kumpens jista' jinkludi, jekk ikun il-każ, l-ispejjeż tar-riċerka li jkunu saru sabiex jinkisbu provi raġonevoli tat-twettiq tal-ksur li jkun is-suġġett tal-proċedura ġudizzjarja.

2. Il-kumpens għad-danni għandu jiġi stabbilit, skont l-għażla tal-persuna leża, b'konformità ma' wieħed mill-kriterji li ġejjin:

a) Il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, b'mod partikolari t-telf ta' qligħ imġarrab mill-parti leża u l-benefiċċji miksuba b'mod inġust mill-kontravventur mill-użu illegali. Jekk ikun hemm dannu morali, dan għandu jiġi kkumpensat, anki jekk l-eżistenza ta' dannu ekonomiku ma tkunx ġiet stabbilita. Sabiex jiġi evalwat dan id-dannu, għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-ksur, il-gravità tal-ksur u l-grad tad-diffużjoni illeċita tax-xogħol.

b) L-ammont li l-parti leża kienet tirċievi bħala remunerazzjoni li kieku l-kontravventur talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni".

## III – **Il-fatti tal-kawża inkwistjoni**

8. C. Liffers huwa d-direttur, ix-xeneġġjatur u l-produttur tax-xogħol awdjoviżiv *Dos patrias, Cuba y la noche* (Żewġ patriji, Kuba u l-lejl). Dan ix-xogħol, li rebaħ ħafna premjijiet f'diversi festivals taċ-ċinema, jirrakkonta sitt stejjer personali u intimi ta' diversi abitanti ta' Havana (Kuba).

9. Producciones Mandarina SL (iktar 'il quddiem "Mandarina") għamlet dokumentarju awdjoviżiv dwar il-prostituzzjoni tat-tfal f'Kuba, li juri attivitajiet kriminali rrekordjati permezz ta' kamera moħbija. Xi siltiet mix-xogħol *Dos patrias, Cuba y la noche* iddaħħlu f'dan id-dokumentarju mingħajr ma ntalbet ebda awtorizzazzjoni mingħand C. Liffers. Id-dokumentarju xxandar mill-kanal tat-televiżjoni Spanjol Telecinco, li jappartjeni lil Mediaset España Comunicación SA (iktar 'il quddiem "Mediaset"), u kellu udjenza ta' 13.4 %.

10. C. Liffers ippreżenta rikors kontra Mandarina u Mediaset quddiem il-Juzgado de lo Mercantil de Madrid (qorti kummerċjali ta' Madrid) li permezz tiegħu talab lill-imsemmija qorti, b'mod partikolari, sabiex tordna lil dawn tal-aħħar iwaqqfu kull ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tiegħu u sabiex tikkundannahom iħallsuh l-ammont ta' EUR 6 740, minħabba l-ksur tad-drittijiet ta' esplojtazzjoni tiegħu, kif ukoll ammont addizzjonali ta' EUR 10 000, bħala kumpens għad-dannu morali li huwa ġarrab.

11. Sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tad-danni dovuti fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-esplojtazzjoni ta' xogħlu, C. Liffers għażel il-kriterju tal-"liċenzja ipotetika" jew "royalties ipotetiċi", jiġifieri l-ammont tar-royalties jew tal-ħlasijiet li kienu jkunu dovuti lilu li kieku Mandarina u Mediaset talbuh awtorizzazzjoni sabiex jużaw id-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni. Għal dan il-għan, huwa applika t-tariffi tas-Soċjetà għall-amministrazzjoni tad-drittijiet tal-produtturi awdjoviżivi (Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales). Il-kumpens għad-dannu morali kien ikkalkolat b'rata fissa.

12. Il-Juzgado de lo Mercantil de Madrid (qorti kummerċjali ta' Madrid) laqgħat parzjalment ir-rikors ta' C. Liffers u kkundannat lil Mandarina u lil Mediaset, b'mod partikolari, sabiex iħallsu lil dan tal-aħħar is-somma ta' EUR 3 370 għad-dannu kkawżat minn dan il-ksur kif ukoll EUR 10 000 għad-dannu morali kkawżat.

13. Fuq appell mid-deċiżjoni mogħtija fl-ewwel istanza, l-Audiencia provincial de Madrid (qorti provinċjali ta' Madrid) naqqset għal EUR 962.33 il-kumpens dovut bħala liċenzja ipotetika u annullat għalkollox il-kundanna ta' Mandarina u ta' Mediaset li jikkumpensaw id-dannu morali mġarrab minn C. Liffers. Fil-fatt, skont l-imsemmija qorti, dan tal-aħħar kien talab kumpens ikkalkolat b'applikazzjoni tal-kriterju tal-liċenzja ipotetika, previst fl-Artikolu 140(2)(b) tat-TRLPI. Issa, skont l-Audiencia Provincial de Madrid (qorti provinċjali ta' Madrid), dan il-kriterju ta' kumpens huwa alternattiv għal dak previst fl-Artikolu 140(2)(a) tat-TRLPI, dispożizzjoni din li tippermetti biss il-kumpens għad-dannu morali. Taħlita ta' dawn iż-żewġ kriterji ma hijiex permessa.

14. Fl-appell ippreżentat mis-sentenza tal-Audiencia Provincial de Madrid (qorti provinċjali ta' Madrid), C. Liffers jattakka r-revoka tal-kumpens għad-dannu morali u jsostni li dan il-kumpens huwa indipendenti mill-għażla bejn il-kriterji tal-kumpens stabbiliti fl-Artikolu 140(2)(a) u (b) tat-TRLPI.

15. Adita b'dan l-appell, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) għandha dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 140(2)(b) tat-TRLPI, dispożizzjoni din li hija intiża li tittrasponi fid-dritt Spanjol il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48.

## IV – **It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

16. Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Jannar 2015, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Frar 2015, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) għaldaqstant iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jista' jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix li persuna, ppreġudikata minn ksur tad-dritt għall-proprjetà intellettwali u li titlob kumpens għad-dannu patrimonjali kkalkolat abbażi tar-royalties jew tal-ħlasijiet li kienet tirċievi li kieku l-kontravventur talab awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt għall-proprjetà intellettwali inkwistjoni, titlob ulterjorment il-kumpens għad-danni morali kkawżati?"

17. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn C. Liffers, minn Mandarina, minn Mediaset, mill-Gvernijiet ta' Spanja, tal-Ġermanja, ta' Franza u tal-Polonja kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Wara l-fażi bil-miktub tal-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kellha biżżejjed informazzjoni sabiex tkun tista' tiddeċiedi mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali, b'konformità mal-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## V – **Analiżi**

18. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, it-Tribunal Supremo (qorti suprema) qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil parti leża minn ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali u li qed titlob kumpens għad-dannu patrimonjali kkalkulat abbażi tar-royalties jew tal-ħlasijiet li kienet tirċievi li kieku l-kontravventur talab awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni, sabiex titlob ulterjorment il-kumpens għad-dannu morali mġarrab minnha.

19. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [3].

20. Issa, fil-kawża ineżami, kemm it-test tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 u kemm l-istruttura tiegħu, kif ukoll interpretazzjoni teleoloġika jwassluni sabiex naħseb li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lil kull persuna leża minn ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali sabiex titlob kumpens għad-dannu morali kkawżat, u dan irrispettivament mill-metodu magħżul għall-kumpens għad-dannu patrimonjali.

3 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Yaesu Europe (C-433/08, EU:C:2009:750, punt 24); Brain Products (C-219/11, EU:C:2012:742, punt 13); Koushkaki (C-84/12, EU:C:2013:862, punt 34), kif ukoll Lanigan (C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35).

A – *It-test tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48*

21. Il-metodu alternattiv issuġġerit fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 jipproponi li " jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda fuq bażi ta' l-elementi bħal *għall-inqas* l-ammont ta' royalties jew ħlasijiet li kieku riedu jitħallsu jekk il-kontravventur talab l-awtorizzazzjoni biex juża' id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali in kwestjoni"[4].

22. Mingħajr ma nislet minn dan konklużjoni definittiva dwar il-possibbiltà ta' kumpens għal eventwali dannu morali fil-kuntest tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48, għandu jiġi kkonstatat li t-termini ta' din id-dispożizzjoni jawtorizzaw espressament li jiġu kkunsidrati fatturi oħra minbarra "ir-royalties jew ħlasijiet" li normalment ikunu dovuti. Il-karattru *a minima* tal-imsemmi fattur jirriżulta b'mod ċar mill-kliem "au moins" ("għall-inqas") użati fil-verżjoni Franċiża tat-test. Dan jirriżulta wkoll minn verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' dan it-test[5].

23. It-termini "bħala alternattiva" użati sabiex jiġi introdott il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 ma jibdlux din l-interpretazzjoni.

24. Fil-fatt, l-analiżi sistematika tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 tikkonferma li, għalkemm il-formulazzjoni tal-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tippreżenta għażliet alternattivi, dawn huma alternattivi fis-sens li jikkonsistu f'żewġ metodi sabiex jintlaħaq l-istess riżultat.

B – *L-interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48*

25. L-approċċ sistematiku jobbliga li nikkunsidraw li s-subparagrafi li jiffurmaw artikolu jew, *a fortiori*, paragrafu tiegħu, jiffurmaw unità li d-dispożizzjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkunsidrati b'mod iżolat[6]. Issa, filwaqt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 jinforma lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri dwar il-mod kif jistgħu jiffissaw id-danni dovuti fil-każ ta' ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) jindika b'mod ċar, fil-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi, li dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw "lill-kontravventur li kien jaf jew b'raġunijiet validi li suppost kien jaf, daħal f'attività li tikkontravjeni, biex iħallas id-danni lid-detentur tad-dritt *skond il-preġudizzju attwali [realment*] soffert minnu/minnha riżultat tal-kontravvenzjoni"[7].

26. L-analiżi sistematika tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 turi, għalhekk, li t-tieni subparagrafu jistabbilixxi l-*metodoloġiji* li jistgħu jiġu applikati sabiex jintlaħaq *ir-riżultat* iffissat fl-ewwel subparagrafu. Issa, dan ir-riżultat huwa tabilħaqq il-kumpens għad-dannu "attwali [realment] soffert [...] riżultat tal-kontravvenzjoni"[8].

4 — Enfasi miżjuda minni.

5 — Ara wkoll, rispettivament, fil-verżjonijiet bl-Ispanjol, biċ-Ċek, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bit-Taljan, bl-Olandiż, bil-Portugiż u bl-Islovakk, it-termini "cuando menos", "alespoň", "mindesten", "τουλάχιστον", "at least", "per lo meno", "als ten minste", "no mínimo" u "prinajmenšom".

6 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza Sodiaal International (C-383/14, EU:C:2015:541, punt 25).

7 — Enfasi miżjuda minni. Il-kelma "attwali [realment]" ma tidhirx fil-verżjonijiet bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Latvjan u bl-Olandiż tat-test tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma tista' tingħata prijorità fuq il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet redatti fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' diskrepanza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura u tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Léger, C-528/13, EU:C:2015:288, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, fil-kawża ineżami, minbarra l-fatt li l-kelma "attwali [realment]" tinsab fil-verżjonijiet lingwistiċi kważi kollha, il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni meħuda fl-intier tagħha (ara t-Taqsima A iktar 'il fuq) u l-interpretazzjoni teleoloġija (ara t-Taqsima C iktar 'il quddiem) iwasslu wkoll sabiex tingħażel l-interpetazzjoni fis-sens li d-dannu li għandu jkun is-suġġett ta' kumpens huwa fil-fatt id-dannu *realment* imġarrab.

8 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48.

27. Għaldaqstant, qari kuntestwali tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 iwassal ukoll sabiex jiġi aċċettat t-teħid inkunsiderazzjoni ta' eventwali dannu morali fil-kumpens għad-dannu mġarrab b'riżultat tal-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali. Fil-fatt, f'ċerti ċirkustanzi, "l-ammont ta' royalties jew ħlasijiet li kieku riedu jitħallsu jekk il-kontravventur talab l-awtorizzazzjoni biex juża' id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali in kwestjoni" jirrifletti biss *parzjalment* id-dannu realment imġarrab mid-detentur tad-dritt inkwistjoni u mhux dak li *realment* ġarrab.

28. Mingħajr ma jiġi diskuss hawnhekk li l-awtur tal-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali jiġi kkundannat għal danni punittivi [9], jidhirli li huwa ftit li xejn kontestabbli li dannu morali – bħalma tista' tkun, b'mod partikolari, ħsara reputazzjonali – jista' jkun, bil-kundizzjoni li jiġi stabbilit, komponent fih innifsu tad-dannu realment imġarrab mill-awtur [10].

29. L-alternattiva prevista fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 tikkostitwixxi għalhekk żvilupp tal-kriterji ta' evalwazzjoni tad-dannu mġarrab u ma għandhiex l-għan li temenda l-portata tal-kumpens għall-imsemmi dannu.

## C – *L-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48*

30. Fl-aħħar nett, nikkonstata li interpretazzjoni kuntrarja, li twassal sabiex id-dannu morali jiġi eskluż mill-kumpens għad-dannu realment imġarrab, tmur ukoll kontra l-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2004/48.

31. Il-premessa 10 tad-Direttiva 2004/48 tikkjarifika l-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea. Skont din il-premessa, l-għan tad-Direttiva huwa li "tqarreb is-sistemi leġislattivi [tal-Istati Membri] sabiex tassigura livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju [tal-proprjetà intellettwali] fis-suq intern".

32. Filwaqt li jsegwi dan l-għan, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/48 jipprevedi espliċitament li r-rimedji "għandhom ikun[u] wkoll effetttivi, proporzjonati u *dissważivi* u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' barrieri biex jiġi leġitimiżżat il-kummerċ u biex jiġu provduti protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom" [11].

33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jkunx koerenti li mid-danni mogħtija lid-detentur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali jiġi eskluż il-kumpens għad-dannu morali tiegħu meta huwa jagħżel li jitlob il-kumpens għad-dannu patrimonjali tiegħu skont il-metodu tal-ammont fiss previst fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48.

9 — Il-possibblità li jingħataw danni punittivi tidher li hija s-suġġett ta' kontroversja fid-duttrina. Skont J.-C. Galloux, il-verżjoni definittiva tad-Direttiva 2004/48 abbandunat dan il-kunċett. Madankollu, skont l-istess awtur, għalkemm it-terminu użat fid-Direttiva jindika biss li l-kalkolu tad-danni għandu jieħu bħala qies id-dannu attwalment imġarrab, dan il-kalkolu madankollu "ma għandux ikun neċessarjament limitat għal tali dannu" (J-C. Galloux, "La directive relative au respect des droits de propriété intellectuelle", *Revue trimestrielle de droit communautaire*, 2004, p. 698). Fl-istess sens ara Y. Benhamou, "Compensation of damages for infringements of intellectual property rights in France, under Directive 2004/48/EC and its transposition law – new notions?", *International Review of Intellectual Property and Competition Law*, 2009, 40(2), p. 125, b'mod partikolari p. 140 u p. 143. Għall-kuntrarju, M. Buydens jikkritika b'mod aħrax dan l-approċċ filwaqt li jibbaża ruħu fuq il-prinċipju ta' kumpens sħiħ, jiġifieri l-kumpens tad-dannu *kollu*, iżda xejn iktar minn dan (M. Buydens, "La réparation des atteintes aux droits de propriété intellectuelle", *Actualités en droits intellectuels*, UB3, Bruylant, 2015, p. 407 sa 434, speċjalment p. 408 u 417). Skont dan l-awtur, l-użu tal-avverbju "réellement" fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 jimmilita favur it-tħaddin ta' dan il-prinċipju (*op. cit.*, p. 411).

10 — Ara, f'dan is-sens, M. Buydens, "La réparation des atteintes aux droits de propriété intellectuelle", f'*Actualités en droits intellectuels*, UB3, Bruylant, 2015, p. 407 sa 434, speċjalment p. 416 u 429; J.-S. Borghetti, "Punitive Damages in France", H. Koziol u V. Wilcox (ed.), *Punitives Damages: Common Law and Civil Law Perspectives*, Tort and Insurance Law, Vol. 25, 2009, p. 55 sa 73, speċjalment nru 26, kif ukoll P.-Y. Gautier, "Fonction normative de la responsabilité: le contrefacteur peut être condamné à verser au créancier une indemnité contractuelle par équivalent", *Recueil Dalloz*, 2008, p. 727, speċjalment nru 5.

11 — Enfasi miżjuda minni.

34. Fil-fatt, tali esklużjoni jkollha l-konsegwenza li teqred kompletament kull effett dissważiv tal-kundanna peress li l-awtur tal-ksur ikollu biss jirrimborsa lid-detentur tad-dritt is-somma li huwa kien ikollu jħallsu li kieku rrispetta d-dritt imsemmi u li tista' tkun inqas mid-dannu reali. Għaldaqstant, tali kumpens ma jkunx konformi max-xewqa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiżgura protezzjoni għolja tal-proprjetà intellettwali.

35. B'tali limitazzjoni, tista' tiddaħħal inkwistjoni wkoll in-natura effettiva tal-protezzjoni. Madankollu, dan huwa wieħed mill-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2004/48 li l-Istati Membri għandhom jiżguraw [12]. Fil-fatt, kif enfasizzat tajjeb il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, jekk tiġi aċċettata l-esklużjoni tad-dannu morali, is-sitwazzjoni tal-kontravventur tkun l-istess, kemm jekk ikun irriproduċa xogħol mingħajr awtorizzazzjoni u kemm jekk ikun aġixxa b'mod legali billi talab liċenzja [13].

## VI – **Konklużjoni**

36. Fid-dawl tat-test tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48, tal-istruttura tiegħu kif ukoll tal-għanijiet tiegħu, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema) kif ġej:

"L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-parti leża minn ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u li tkun qed titlob kumpens għad-dannu patrimonjali kkalkolat abbażi tal-ammont tar-royalties jew tal-ħlasijiet li kienu jkunu dovuti lilha li kieku l-kontravventur talab awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni, sabiex titlob ukoll kumpens għad-dannu morali kkawżat lilha".

12 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza L'Oréal *et* (C-324/09, EU:C:2011:474, punt 131).

13 — Punt 29 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.